# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

15 ta’ April 2008 *

Fil-Kawża C-268/06,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skond l-Artikolu 234 KE, imressqa mil-Labour Court (Irlanda), permezz ta’ deċiżjoni tat-12 ta’ Ġunju 2006, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta’ Ġunju 2006, fil-proċedura

Impact

vs

**Minister for Agriculture and Food,**

**Minister for Arts, Sport and Tourism,**

**Minister for Communications, Marine and Natural Resources,**

**Minister for Foreign Affairs,**

**Minister for Justice, Equality and Law Reform,**

**Minister for Transport,**

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, A. Rosas, K. Lenaerts (Relatur), G. Arestis, U. Lõhmus u L. Bay Larsen, Presidenti ta' l-Awla, P. Kūris, E. Juhász, A. Borg Barthet, J. Klučka u A. Ó Caoimh, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,
Reġistratur: K. Sztranc-Sławiczek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-5 ta' Diċembru 2007,

wara li kkunsid rat l-osservvazonijiet ippreżentati:

— għal Impact, minn B. O'Moore, SC, M. Bolger, BL, u D. Connolly, solicitor,

— għall-Irlanda, minn D. O'Hagan, u M. Heneghan, bħala aġenti, assistiti minn A. Collins, SC, kif ukoll minn A. Kerr u F. O'Dubhghaill, BL,

— għall-Gvern Olandiż, minn H. G. Sevenster u M. de Grave, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn E. O'Neill, K. Smith u I. Rao, bħala aġenti, assistiti minn R. Hill, barrister,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn M. van Beek u J. Enegren, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2008,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-klawżoli 4 u 5 tal-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999 (iktar 'il quddiem il-"il-ftehim qafas"), li huwa anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU L 175, p. 43), kif ukoll fuq il-firxa ta' l-awtonomija proċedurali ta' l-Istati Membri u l-portata ta' l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi impost fuq il-qrati tagħhom.

2 Din it-talba ġiet imressqa fil-kuntest ta' kawża bejn is-sindakat Irlandiż Impact li jaġixxi f'isem uffiċjali pubbliċi Irlandiżi, u l-Ministeri li rispettivament jimpjegaw lil dawn l-uffiċjali, fir-rigward, minn naħa, tal-kundizzjonijiet ta' pagi u ta' pensjonijiet applikati fil-konfront tagħhom minħabba l-istat tagħhom ta' ħaddiema għal żmien fiss u, min-naħa l-oħra, tal-kundizzjonijiet ta' tiġdid ta' xi kuntratti għal żmien fiss minn wieħed minn dawn il-Ministeri.

## Il-kuntest ġuridiku

*Il-leġiżlazzjoni Komunitarja*

3 Id-Direttiva 1999/70 hija bbażata fuq l-Artikolu 139(2) KE u hija intiża, skond l-Artikolu 1 tagħha, "li [ġ]ġib fis-seħħ il-ftehim qafas [...], konkluż [...] bejn l-organizzazzjonijiet ġenerali ta' l-industrija (KETU, UNICE u CEEP) annessi hawn".

4 Skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 2 ta' din id-direttiva:

"L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa l-10 ta' Lulju 2001, jew għandhom jiżguraw li, sa dik id-data mill-inqas, l-imsieħba soċjali jkunu introduċew il-miżuri neċessarji skond il-ftehim, u l-Istati Membri jkunu meħtieġa jieħdu xi miżuri neċessarji sabiex ikunu jistgħu f'kull ħin ikunu f'pożizzjoni li jiggarantixxu r-riżultati imposti b'din id-Direttiva. Għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni bihom".

5 Bis-saħħa ta' l-Artikolu 3 tagħha, id-direttiva msemmija daħlet fis-seħħ fl-10 ta' Lulju 1999, f'liema data ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

6 Skond il-klawżola 1 tal-ftehim qafas, "l-iskop ta' dan il-ftehim qafas hu:

a) li titjieb il-kwalità ta' xogħol għal terminu fiss billi tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni;

b) li jistabbilixxi qafas biex jipprevjeni l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' l-impjieg għal terminu fiss".

7 Il-klawżola 4 tal-ftehim qafas, bit-titolu "Prinċipju tan-non-diskriminazzjoni", tipprovdi:

"1. Fejn għandhom x'jaqsmu l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg, ħaddiema għal terminu fiss m'għandhomx jiġu trattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiem kumparabbli permanenti biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx [iġ]ġustifikat fuq bażi oġġettiva.

2. Meta approprjat, għandu japplika l-prinċipju ta' *pro rata temporis.*

3. L-arranġamenti għall-applikazzjoni ta' din il-klawżola għandhom jiġu definiti mill-Istati Membri wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali u/jew [mil] l-imsieħba soċjali, wara li jiġu kkunsidrati l-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv u l-prattika tal-Komunità.

4. Kwalifiki ta' perjodu ta' servizz relatati għall-kundizzjonijiet partikolari ta' l-impjieg għandhom ikunu l-istess għal ħaddiema għal terminu fiss kif ukoll għal ħaddiema permanenti ħlief meta kwalifiki ta' tul ta' servizz differenti huma ġustifikati fuq bażi oġġettivi".

8 Il-klawżola 5 tal-ftehim qafas li tirrigwarda l-"[m]iżuri għal prevenzjoni ta' l-abbuż", tipprovdi:

"1. Sabiex jiġi pprevenut l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss, [l-Istati Membri,] wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv jew il-prattika, u/jew l-imsieħba soċjali, għandhom, meta mhemm ebda miżuri ekwivalenti legali biex jipprevjenu l-abbuż, jintroduċu b'mod li jieħu kont tal-ħtiġiet tas-setturi u/jew kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema, waħda jew iktar mill-miżuri li ġejjin:

a) raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet;

b) iż-żmien massimu totali ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss;

ċ) in-numru ta' tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet [ta' impjieg].

2. L-Istati Membri wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali u/jew l-imsieħba soċjali, għandhom, meta approprjat, jiddeterminaw taħt liema kundizzjonijiet il-kuntratti jew ir-relazzjonijiet ta' impjieg għal terminu fiss:

a) għandhom jitqiesu bħala 'suċċessivi';

b) għandhom jitqiesu bħala kuntratti jew relazzjonijiet għal żmien indefinit."

9 Il-ftehim qafas jinkludi wkoll klawżola 8 li tirrigwarda d-"[d]ispożizzjonijiet dwar l-implementazzjoni", li fil-punt 5 tagħha tipprevedi:

"Il-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' kwisjonijiet u lmenti kkawżati mill-applikazzjoni ta' dan il-ftehim għandhom iseħħu skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv u l-prattika".

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

10 Id-Direttiva 1999/70 ġiet trasposta fis-sistema legali Irlandiża bil-liġi ta' l-2003 dwar il-protezzjoni ta' l-impjegati (impjieg għal żmien fiss) [Protection of Employees (Fixed — Term Work) Act 2003, (iktar 'il quddiem il-"liġi ta' l-2003")]. Din il-liġi daħlet fis-seħħ fl-14 ta' Lulju 2003.

11 L-Artikolu 6 tal-liġi ta' l-2003 jittrasponi l-klawżola 4 tal-ftehim qafas. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 2(1) moqrija flimkien ma dawk ta' l-Artikolu 6(1) tal-liġi msemmija jiggarantixxu lill-impjegati għal żmien fiss drittijiet ta' paga u ta' pensjoni ugwali għal dawk ta' l-impjegati permanenti paragunabbli.

12 L-Artikolu 9 tal-liġi ta' l-2003 jittrasponi l-klawżola 5 tal-ftehim qafas. Fl-ewwel paragrafu tiegħu, dan jipprovdi li l-kuntratt ta' impjieg għal żmien fiss ta' impjegat li, fid-data ta' meta ġiet adottata din il-liġi jew wara din id-data, ikun laħaq it-tielet sena ta'

impjieg ininterrott fis-servizz ta' min iħaddmu jew ta' persuna assoċjata miegħu, jista' jiġi mġedded minn min jimpjegah biss għal darba waħda u għall-perijodu massimu ta' sena. Skond l-Artikolu 9(3) ta' din il-liġi, kull kundizzjoni li tiġi mdaħħla f'kuntratt ta' impjieg bi ksur tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu hija nulla, u l-kuntratt ta' impjieg in kwistjoni jiġi meqjus bħala li ġie konkluż għal żmien indefinit.

13 Madankollu, persuna li tħaddem tista' tidderoga, għal raġunijiet oġġettivi, mill-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 6 u 9 tal-liġi ta' l-2003. Il-kunċett ta' raġunijiet oġġettivi huwa spjegat fl-Artikolu 7 ta' din il-liġi.

14 L-Artikolu 14(1) tal-liġi ta' l-2003 jipprevedi li impjegat jew is-sindakat li tiegħu huwa membru jistgħu jippreżentaw talba bbażata fuq ksur tal-liġi msemmija quddiem Rights Commissioner, li huwa marbut li jevalwa t-talba u li jagħti deċiżjoni bil-miktub. Jekk it-talba tiġi milqugħa, dan jista' jagħti rimedju skond il-metodi stabbiliti fl-Artikolu 14(2) tal-liġi msemmija, jiġifieri, b'mod partikolari, kumpens li jista' jammonta għal mhux iktar minn sentejn paga.

15 L-Artikolu 15 tal-liġi ta' l-2003 jipprevedi l-possibbiltà li jitressaq appell mid-deċiżjoni ta' Rights Commissioner quddiem il-Labour Court. Appell kontra sentenza tal-Labour Court jista' jsir sussegwentement quddiem il-High Court.

16 Ir-Rights Commissioners u l-Labour Court ġew stabbiliti, rispettivament, permezz tal-liġijiet ta' l-1969 u ta' l-1946 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Industrial Relations Act 1969 u Industrial Relations Act 1946). Diversi liġijiet Irlandiżi, fosthom il-liġi ta' l-2003, jagħtuhom ġurisdizzjoni sabiex jisimgħu kwistjonijiet bejn min iħaddem u l-ħaddiema. Madankollu, skond l-indikazzjonijiet mogħtija mid-deċiżjoni tar-rinviju, la r-Rights Commissioners, u lanqas il-Labour Court ma għandhom espressament il-ġurisdizzjoni biex jagħtu deċiżjoni fuq talba bbażata fuq dispożizzjoni

tal-liġi Komunitarja li għandha effett dirett, sakemm din id-dispożizzjoni ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni li fuqha hija bbażata l-ġurisdizzjoni tagħhom.

## Il-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

17 Fil-kawża prinċipali, Impact taġixxi f'isem 91 mill-membri tagħha (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti"), impjegati fi ħdan diversi Ministeri Irlandiżi (iktar 'il quddiem il-"konvenuti") abbażi ta' kuntratti għal żmien fiss suċċessivi għal perijodi li bdew minn qabel l-14 ta' Lulju 2003, f'liema data daħlet fis-seħħ il-liġi ta' l-2003, u li ġew estiżi lil'hinn minn din id-data.

18 Ir-rikorrenti huma kollha uffiċjali mhux tal-post u, skond il-leġiżlazzjoni Irlandiża dwar l-impjieg fis-servizz pubbliku, huma rregolati minn sistema distinta minn dik applikabbli għall-uffiċjali titulari. Id-deċiżjoni tar-rinviju tindika li, skond ir-rikorrenti, din l-aħħar sistema hija iktar vantaġġuża minn dik li tapplika fil-konfront tagħhom.

19 Fost ir-rikorrenti, xi wħud wettqu inqas minn tliet snin ta' servizz mingħajr interruzzjoni bħala impjegati għal żmien fiss u jitolbu kundizzjonijiet ta' l-impjieg ugwali għal dawk ta' impjegati permanenti paragunabbli, filwaqt li l-oħrajn wettqu iktar minn tliet snin ta' servizz mingħajr interruzzjoni, u jitolbu, minbarra l-ugwaljanza fil-kundizzjonijiet ta' l-impjieg, kuntratt għal żmien indefinit.

20 Skond id-deċiżjoni tar-rinviju, il-kuntratti għal żmien fiss in kwistjoni kienu intiżi biex jaqdu bżonnijiet temporanji tal-konvenuti u biex jaffrontaw sitwazzjonijiet fejn finanzjament permanenti għal dawn ix-xogħlijiet ma setax jiġi ggarantit. Il-prattika

ġenerali tal-konvenuti kienet tikkonsisti fit-tiġdid ta' dawn il-kuntratti għal perijodi ta' bejn sena u sentejn. Madankollu, matul il-perijodu immedjatament qabel id-dħul fis-seħħ tal-liġi ta' l-2003, wieħed mill-konvenuti ġedded il-kuntratti ta' ċertu numru mir-rikorrenti għal żmien fiss sa perijodu ta' tmien snin.

21 Peress li qieset li l-konvenuti kienu, bħala persuni li jħaddmu, kisru d-dispożizzjonijiet tal-liġi ta' l-2003 u tad-Direttiva 1999/70 għad-detriment tar-rikorrenti, Impact ressqet kawża f'isem dawn ta' l-aħħar quddiem ir-Rights Commissioner. Fil-kuntest ta' din il-kawża, Impact invokat, minn naħa, ksur tad-dritt tagħhom li jiġu ttrattati, f'termini ta' paga u tad-drittijiet għall-pensjoni, b'mod ugwali bħall-uffiċjali titulari, meqjusa, skond ir-rikorrenti, bħala impjegati permanenti paragunabbli u, min-naħa l-oħra, il-karattru abbużiv tat-tiġdid suċċessiv tal-kuntratti għal żmien fiss. It-talbiet imressqa ġew ibbażati fuq il-klawżoli 4 u 5 tal-ftehim qafas f'dak li jirrigwarda l-perijodu inkluż bejn l-10 ta' Lulju 2001, f'liema data skada t-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 1999/70, u l-14 ta' Lulju 2003, id-data li fiha daħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet li jassiguraw it-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fis-sistema legali Irlandiża. Għall-perijodu ta' wara din l-aħħar data, dawn it-talbiet ġew ibbażati fuq l-Artikolu 6 tal-liġi ta' l-2003.

22 Il-konvenuti kontestaw il-ġurisdizzjoni tar-Rights Commissioner li jisma t-talbiet in kwistjoni safejn dawn kienu bbażati fuq id-Direttiva 1999/70. F'dan ir-rigward, huma osservaw li l-imsemmi Rights Commissioner kellu ġurisdizzjoni biss sabiex jiddeċiedi dwar talbiet ibbażati fuq il-liġi nazzjonali. Huma allegaw ukoll li l-klawżoli 4 u 5 tal-ftehim qafas, li la huma mingħajr kundizzjoni u lanqas preċiżi biżżejjed, ma setgħux jiġu invokati mill-individwi quddiem il-qrati nazzjonali. Għaldaqstant, dawn sostnew li t-termini tal-klawżola 4 tal-ftehim qafas ma kinux jippermettu lil impjegat għal żmien fiss li jippretendi kundizzjonijiet ta' paga u ta' pensjoni ugwali għal dawk ta' impjegat permanenti paragunabbli.

23 Ir-Rights Commissioner qies li kellu ġurisdizzjoni sabiex jisma' t-talbiet kollha, inkluż safejn dawn kienu jirrigwardaw il-perijodu inkluż bejn l-10 ta' Lulju 2001 u l-14 ta' Lulju 2003. Huwa ddeċieda li l-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni affermat fil-klawżola 4 tal-ftehim qafas kien jirrigwarda kemm il-paga u kif ukoll id-drittijiet għall-pensjoni u li din il-klawżola kienet direttament applikabbli, u dan ma kienx il-każ fir-rigward tal-klawżola 5.

24 Peress li qies li t-talbiet li ma kinux ibbażati fuq il-klawżola 5 tal-ftehim qafas kienu fondati u li l-konvenuti kienu kisru d-drittijiet tar-rikorrenti kemm skond il-liġi nazzjonali kif ukoll skond id-Direttiva 1999/70 billi tawhom kundizzjonijiet ta' l-impjieg inqas favorevoli minn dawk mogħtija lill-impjegati permanenti paragunabbli, ir-Rights Commissioner, abbażi ta' l-Artikolu 14(2) tal-liġi ta' l-2003, ordna li jingħata kumpens fi flus favur ir-rikorrenti li l-ammont tiegħu kellu jvarja bejn EUR 2 000 u EUR 40 000. Barra minn hekk huwa ordna lill-konvenuti sabiex jagħtu lir-rikorrenti kundizzjonijiet ta' l-impjieg ekwivalenti għal dawk li jibbenifikaw minnhom dawn l-impjegati. Ordnalhom ukoll sabiex jagħtu lil xi wħud mir-rikorrenti kuntratt għal żmien indefinit b'kundizzjonijiet li ma jkunux inqas favorevoli minn dawk irriżervati lill-impjegati msemmija.

25 Il-konvenuti appelaw mid-deċiżjoni tar-Rights Commissioner quddiem il-Labour Court. Impact ressqet appell inċidentali kontra din id-deċiżjoni safejn din id-deċiżjoni ddikjarat li l-klawżola 5 tal-ftehim qafas bħala nieqsa minn effett dirett.

26 Fid-dawl ta' l-argumentazzjonijiet diskussi quddiemha, il-qorti tar-rinviju hija kkonfrontata minn numru ta' domandi, li huma determinanti għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali, u li jiddependu fuq l-interpretazzjoni tal-liġi Komunitarja.

27 Fl-ewwel lok, għalkemm il-liġi ta' l-2003 ma tagħtihiex espressament il-ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar talba intiża għall-applikazzjoni diretta tal-liġi Komunitarja, madankollu din il-qorti tiddubita, b'kunsiderazzjoni ta' l-Artikolu 10 KE, minn naħa, u tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività li jirregolaw l-awtonomija proċedurali li jibbenifikaw minnha l-Istati Membri, min-naħa l-oħra, li hija tista' tiddikjara li ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tevalwa t-talbiet fil-kawża prinċipali safejn dawn huma bbażati fuq id-Direttiva 1999/70 u fuq il-ftehim qafas.

28 Fit-tieni lok, jekk jitqies li għandha ġurisdizzjoni sabiex tapplika l-liġi Komunitarja, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-klawżoli 4 u 5 tal-ftehim qafas, li fuqhom huma bbażati t-talbiet fil-kawża prinċipali f'dak li jirrigwarda l-perijodu inkluż bejn l-10 ta' Lulju 2001 u l-14 ta' Lulju 2003, humiex mingħajr kundizzjoni u preċiżi biżżejjed sabiex ikollhom effett dirett. Il-qorti tar-rinviju hija tal-fehma li dan huwa l-każ biss f'dak li jirrigwarda l-klawżola 4.

29 Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-klawżola 5 tal-ftehim qafas tistax tiġi invokata biex tiġi kkonstatata l-illegalità tad-deċiżjoni meħuda minn wieħed mill-konvenuti matul il-perijodu immedjatament qabel id-dħul fis-seħħ tal-liġi ta' l-2003, li jingħataw, f'dak li jirrigwarda xi wħud mir-rikorrenti, kuntratti għal terminu li jest-endi sa tmien snin.

30 Din il-qorti tqis li, minkejja n-nuqqas apparenti ta' *mala fede* min-naħa tal-konvenut in kwistjoni u l-ispjegazzjonijiet tiegħu bbażati kemm fuq il-bżonnijiet temporanji u kif ukoll fuq il-impossibbiltà li jiġi ggarantit il-finanzjament permanenti ta' l-impjiegi kkonċernati, din id-deċiżjoni kellha r-riżultat li ċċaħħad lir-rikorrenti mill-possi-bbiltà li jiksbu kuntratt għal żmien indefinit f'terminu raġjonevoli wara l-adozzjoni tal-liġi ta' l-2003. Hija tqis li, permezz tad-deċiżjoni msemmija, l-Irlanda akkwistat, għad-detriment tar-rikorrenti, vantaġġ mill-illegalità li wettqet hija stess meta ma ttrasponietx id-Direttiva 1999/70 fit-terminu preskritt.

31 Fir-raba' lok, jekk jitqies li ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tapplika l-liġi Komunitarja jew li l-klawżoli 4 u 5 tal-ftehim qafas huma nieqsa minn effett dirett, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi li hija għandha jimplikax li hija għandha tinterpreta l-liġi ta' l-2003 fis-sens li din għandha effett retroattiva għall-10 ta' Lulju 2001.

32 Din il-qorti tosserva li, għalkemm il-liġi Irlandiża bħala prinċipju teskludi l-applikazzjoni retroattiva tal-liġijiet, l-Artikolu 6 tal-liġi ta' l-2003 ma jinkludi l-ebda indikazzjoni li tipprekludi l-applikazzjoni retroattiva tiegħu. Hija żżid li, għalkemm huwa minnu li l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi huwa limitat mill-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' non retroattività, u ma jistax, minnu nnifshu u indipendentement minn liġi nazzjonali ta' implementazzjoni tad-Direttiva 1999/70, joħloq jew jaggrava r-responsabbiltà kriminali li tirriżulta minn ksur tal-liġi Komunitarja, madankollu tqum il-kwistjoni, f'dan il-każ, jekk dan l-obbligu jfissirx li l-liġi nazzjonali tista' tiġi applikata b'mod retroattiv sabiex tippermetti li jkun hemm ir-responsabbiltà ċivili ta' Stat Membru, fil-kwalità tiegħu bħala persuna li tħaddem, minħabba atti jew ommissjonijiet li jiksru Direttiva u li jmorru lura għal perijodu fejn din kellha tiġi trasposta mill-imsemmi Stat Membru.

33 Fil-ħames lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-kundizzjonijiet ta' l-impjieg, skond il-klawżola 4 tal-ftehim qafas, ikopru x il-kundizzjonijiet ta' paga u tad-drittijiet għall-pensjoni.

34 Filwaqt li tirreferi għat-tifsira ġenerali tal-kunċett ta' paga fil-kuntest ta' l-Artikolu 141 KE, dwar il-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, hija tqis li interpretazzjoni li teskludi l-pagi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola in kwistjoni twassal sabiex il-ħaddiema għal żmien fiss jiġu mċaħħda minn protezzjoni kontra d-diskriminazzjonijiet f'dak li jirrigwarda numru ta' aspetti essenzjali relatati mal-paga, ħaġa li tmur kontra l-għan persegwit mill-ftehim qafas.

35 Barra minn hekk, hija tqis li, fid-dawl ta' l-Artikolu 136 KE u tal-Karta tal-Komunità dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema, adottata matul il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew li nżammet fi Strasburgu fid-9 ta' Diċembru 1989 (b'mod partikolari l-punt 7 tagħha), li b'rabta magħhom għandu jinqara l-Artikolu 137 KE, l-Artikolu 137(5), li jeskludi l-pagi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 137, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa intiż biss sabiex jiċħad kompetenza leġiżlattiva lill-Komunità Ewropea għall-iffissar ta' paga minima Komunitarja u li għalhekk ma jipprekludix l-inkorporazzjoni ta' l-elementi ta' paga u ta' pensjoni fil-kunċett ta' "kundizzjonijiet tax-xogħol" skond l-Artikolu 137(1) KE.

36 Fid-dawl ta' dawn id-diversi mistoqsijiet, il-Labour Court iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja s-segwenti domandi preliminari

"1) Meta jkollhom quddiemhom kawża fl-ewwel istanza skond dispożizzjoni tal-liġi domestika jew meta jkunu qegħdin jiddeċiedu appell kontra tali deċiżjoni, ir-Rights Commissioner u l-Labour Court huma marbuta, abbażi ta' prinċipju tal-liġi Komunitarja (b'mod partikolari l-prinċipji ta' l-ekwivalenza u ta' l-effettività), li japplikaw dispożizzjoni direttament applikabbli tad-Direttiva [...] 1999/70/KE, [...] f'ċirkustanzi fejn:

— ir-Rights Commissioner u l-Labour Court ma jkunux espressament ingħataw il-ġurisdizzjoni għal dan il-għan skond il-liġi domestika ta' l-Istat Membru kkonċernat, inklużi d-dispożizzjonijiet tad-dritt intern li jittrasponi d-Direttiva;

— l-individwi jistgħu jadixxu lill-High Court b'talbiet oħra li jirriżultaw mill-fatt li min iħaddimhom ma applikax id-direttiva għas-sitwazzjoni partikolari tagħhom, u fejn

— l-individwi jistgħu jadixxu lill-qrati ordinarji li għandhom ġurisdizzjoni b'talbiet oħra kontra l-Istat Membru kkonċernat, sabiex jiksbu kumpens għad-danni li huma sofrew mill-fatt li dak l-Istat ma ttrasponiex id-direttiva fit-termini imposti?

2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda:

a) Il-klawżola 4(1) tal-ftehim qafas [...] hija mingħajr kundizzjoni u preċiża biżżejjed sabiex tkun tista' tiġi invokata mill-individwi quddiem il-qrati nazzjonali tagħhom?

b) Il-klawżola 5(1) tal-ftehim qafas [...] hija mingħajr kundizzjoni u preċiża biżżejjed sabiex tkun tista' tiġi invokata mill-individwi quddiem il-qrati nazzjonali tagħhom?

3) Fid-dawl tar-risposti tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel domanda u għat-tieni domanda taħt (b), il-klawżola 5(1) tal-ftehim qafas [...] tipprojbixxi li Stat Membru, li jkun qiegħed jaġixxi bħala l-persuna li tħaddem, milli jġedded kuntratt ta' impjieg għal żmien fiss għal perijodu li jwassal sa tmien snin matul il-perijodu li jiġi wara d-data li fiha kellha tiġi trasposta l-imsemmija direttiva u qabel l-adozzjoni tal-liġi ta' traspożizzjoni, meta:

— il-kuntratt kien dejjem ġie mġedded sa dakinhar għall-perijodi iqsar, u li min iħaddem għandu bżonn is-servizzi ta' l-impjegat għall-perijodu li jeċċedi ż-żmien tal-proroga tas-soltu;

— it-tiġdid tal-kuntratt għal dan il-perijodu itwal għandu l-effett li jimpedixxi lil individwu milli jibbenefika bis-sħieħ mill-applikazzjoni tal-klawżola 5 tal-ftehim qafas meta din tiġi trasposta fil-liġi domestika; u li

— mhemmx raġunijiet oġġettivi, li mhumiex relatati ma' l-istat ta' l-impjegat bħala ħaddiem għal żmien fiss, kapaċi li jiġġustifikaw dan it-tġidid?

4) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda jew għat-tieni domanda: ir-Rights Commissioner u l-Labour Court huma obbligati skond id-dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja (u b'mod partikulari skond l-obbligu li jinterpretaw il-liġi domestika fid-dawl tat-test u l-għan tad-direttiva, b'mod li jilħqu r-riżultat imfittex minnha) li jinterpretaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika adottati sabiex jittrasponu d-Direttiva 1999/70 [...] fis-sens li l-istess dispożizzjonijiet għandhom effett retroattiv għad-data li fiha kellha tiġi trasposta d-Direttiva msemmija, meta:

— il-kliem tad-dispożizzjoni tal-liġi domestika ma teskludix espressament tali interpretazzjoni, imma fejn

— regola tal-liġi domestika li tirregola l-interpretazzjoni tal-liġijiet tipprekludi tali applikazzjoni retroattiva sakemm ma jkunx hemm indikazzjoni ċara u inekwivoka f'sens ieħor?

5) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda jew għar-raba' domanda: il-"kundizzjonijiet ta' l-impjieg" li għalihom tagħmel riferenza l-klawżola 4 tal-ftehim qafas [...] jinkludu l-kundizzjonijiet ta' kuntratt ta' impjieg li jirrigwardaw il-paga u l-pensjonijiet?"

## Fuq id-domandi preliminari

*Fuq l-ewwel domanda*

37 Permezz ta' l-ewwel domanda taħgha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tixtieq tkun taf jekk, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa f'dan is-sens fil-liġi nazzjonali applikabbli, qorti nazzjonali, bħal-Labour Court nnifisha jew ir-Rights Commissioner, li tiġi mitluba tiddeċiedi kawża bbażata fuq ksur tal-liġi li tittrasponi d-Direttiva 1999/70, hijiex marbuta, skond il-liġi Komunitarja, li tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni anki sabiex tisma pretensjonijiet ibbażati direttament fuq din id-Direttiva stess, meta dawn il-pretensjonijiet ikunu jirreferu għal perijodu ta' wara d-data li fiha jkun skada t-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva in kwistjoni, iżda qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-liġi ta' traspożizzjoni li tagħtiha l-ġurisdizzjoni sabiex tisma' talbiet ibbażati fuq din il-liġi.

38 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li l-persuni interessati jistgħu jresqu lill-Istat Membru kkonċernat quddiem il-qrati ordinarji, kemm fil-kwalità tiegħu bħala persuna li tħaddem, kif ukoll sabiex jakkwistaw rimedju għad-danni li jirriżultaw min-nuqqas ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 1999/70 fit-terminu ta' żmien preskritt.

39 B'mod preliminari, għandu jiġi osservat, hekk kif għamlet l-Irlanda waqt is-seduta, li la d-Direttiva 1999/70, u lanqas il-ftehim qafas ma jispeċifikaw il-qrati nazzjonali li għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiggarantixxu l-applikazzjoni tagħhom, u lanqas ma jistabbilixxu r-regoli proċedurali li jirregolaw l-azzjonijiet ġudizzjarji intiżi sabiex jiggarantixxu din l-applikazzjoni. Bil-kontra ta' dan, il-klawżola 8(5) tal-ftehim qafas tagħmel riferenza għall-leġiżlazzjoni, għall-ftehim kollettivi u għall-prattiċi nazzjonali f'dak li jirrigwarda l-prevenzjoni u s-soluzzjoni tal-kwistjonijiet kif ukoll ta' l-ilmenti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tiegħu.

40 Barra minn hekk, għandu jiġi mfakkar li l-libertà ta' l-għażla tal-metodi u tal-mezzi intiżi sabiex jassiguraw l-implementazzjoni ta' Direttiva ma taffetwax l-obbligu li kull wieħed mill-Istati Membri destinatarji għandhom li jadottaw kull miżura neċessarja sabiex jassiguraw l-effett sħiħ tad-Direttiva kkonċernata, b'mod konformi ma' l-għan imfittex mid-Direttiva (ara s-sentenza ta' l-10 ta' April 1984, von Colson u Kamann, 14/83, Ġabra p. 1891, punt 15).

41 L-obbligu li jirriżulta minn direttiva u li l-Istati Membri għandhom li jilħqu r-riżultat persegwit minn din id-direttiva, kif ukoll id-dmir tagħhom, skond l-Artikolu 10 KE, li jieħdu l-miżuri kollha, ġenerali jew partikolari, adattati sabiex jiżguraw it-twettiq ta' dan l-obbligu, huma imposti fuq l-awtoritajiet kollha ta' dawn l-Istati Membri, inkluż, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji (sentenza von Colson u Kemann, iċċitata iktar 'il fuq, punt 26).

42 Fil-fatt, huma b'mod partikolari l-qrati nazzjonali li għandhom jassiguraw il-protezzjoni ġuridika li l-individwi jgawdu bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja u li għandhom jiggarantixxu l-effett sħiħ ta' dawn id-dispożizzjonijiet (sentenza tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et*, C-397/01 sa C-403/01, Ġabra p. I-8835, punt 111).

43 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tal-liġi Komunitarja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet, C-432/05, Ġabra p. I-2271, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Skond ġurisprudenza stabbilita, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam, hija s-sistema legali nazzjonali ta' kull wieħed mill-Istati Membri li għandha tindika l-qrati li għandhom ġurisdizzjoni u tirregola l-modalitajiet proċedurali ta' rikorsi ġudizzjarji intiżi sabiex jassiguraw il-ħarsien tad-drittijiet li għandhom

l-individwi bis-saħħa tad-dritt Komunitarju (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1976, Rewe-Zentralfinanz u Rewe-Zentral, 33/76, Ġabra p. 1989, punt 5: Comet, 45/76, Ġabra p. 2043, punt 13; ta' l-14 ta' Diċembru 1995, Peterbroeck, C-312/93, Ġabra p. I-4599, punt 12; Unibet, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39, u tas-7 ta' Ġunju 2007, van der Weerd *et*, C-222/05 sa C-225/05, Ġabra p. I-4233, punt 28).

45 Madankollu, l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà li jassiguraw, f'kull każ, protezzjoni effettiva ta' dawn id-drittijiet (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-9 ta' Lulju 1985, Bozzetti, 179/84, Ġabra p. 2301, punt 17; tat-18 ta' Jannar 1996, SEIM, C-446/93, Ġabra p. I-73, punt 32, u tas-17 ta' Settembru 1997, Dorsch Consult, C-54/96, Ġabra p. I-4961, punt 40).

46 F'dan ir-rigward, hekk kif jirriżulta minn ġurisprudenza ferm stabbilita, il-modalitajiet proċedurali ta' rikors li huma intiżi sabiex jassiguraw il-ħarsien tad-drittijiet li l-individwi għandhom bis-saħħa tal-liġi Komunitarja m'għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirrigwardaw rimedji simili previsti mil-leġiżlazzjoni interna (prinċipju ta' ekwivalenza) u m'għandhomx jirrendu prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju ta' drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku Komunitarju (prinċipju ta' effettività) (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Rewe-Zentralfinanz u Rewe-Zentral, punt 5; Comet, punti 13 sa 16; Peterbroeck, punt 12; Unibet, punt 43, u kif ukoll van der Weerd *et*, punt 28).

47 Dawn l-eżiġenzi ta' ekwivalenza u ta' effettività, li jesprimu l-obbligu ġenerali li l-Istati Membri għandhom li jassiguraw il-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet li l-individwi għandhom bis-saħħa tal-liġi Komunitarja, jgħoddu wkoll f'dak li jirrigwarda l-indikazzjoni tal-qrati li għandhom ġurisdizzjoni sabiex jisimgħu kawżi bbażati fuq din il-liġi.

48 Fil-fatt, il-ksur ta' l-imsemmija eżiġenzi fuq dan il-livell huwa, minbarra nuqqas filkonfront tagħhom fuq il-livell tad-definizzjoni tal-metodi proċedurali, ta' natura tali li jikser il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effattiva.

49 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandha tingħata r-risposta għall-ewwel domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju.

50 Għandu jiġi enfasizzat li, peress li l-liġi ta' l-2003 tikkostitwixxi l-liġi li permezz tagħha l-Irlanda ssodisfat l-obbligi li hija għandha skond id-Direttiva 1999/70, talba bbażata fuq ksur ta' din il-liġi u talba direttament ibbażata fuq id-Direttiva għandhom, hekk kif enfasizzat ukoll il-qorti tar-rinviju stess, jitqiesu bħala li jiffurmaw parti mill-istess u l-uniku rimedju (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ta' l-1 ta' Diċembru 1998, Levez, C-326/96, Ġabra p. I-7835, punti 46 u 47, kif ukoll tas-16 ta' Mejju 2000, Preston *et*, C-78/98, Ġabra p. I-3201, punt 51). Fil-fatt, fin-nuqqas ta' bażijiet legali formalment distinti, dawn huma intiżi, hekk kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 58 tal-konklużjonijiet tagħha, għall-protezzjoni ta' l-istess drittijiet, derivati mil-liġi Komunitarja, jiġifieri mid-Direttiva 1999/70 u mill-ftehim qafas.

51 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ladarba l-leġiżlatur nazzjonali għażel li jikkonferixxi fuq qrati speċjalizzati l-ġurisdizzjoni li jisimgħu talbiet ibbażati fuq il-liġi li tittrasponi d-Direttiva 1999/70, l-obbligu li jitqiegħed fuq l-individwi li jkunu fis-sitwazzjoni tar-rikorrenti, li jkollhom l-intenzjoni li jressqu talba dwar il-ksur tal-liġi msemmija quddiem tali qorti speċjalizzata, li fl-istess ħin iressqu talba separata quddiem qorti ordinarja sabiex jinvokaw id-drittijiet li huma jista' direttament ikollhom abbażi ta' din id-Direttiva stess għall-perijodu inkluż bejn id-data ta' meta skada t-terminu għat-traspożizzjoni tagħha u d-data tad-dħul fis-seħħ tal-liġi li tassigura din it-traspożizzjoni, imur kontra l-prinċipju ta' effettività jekk, hekk kif għandha tivverifika l-qorti tar-rinviju, minn dan kellhom jirriżultaw inkonvenjenti proċedurali għal dawn l-individwi, f'termini, b'mod partikolari, ta' spejjeż, ta' dewmien u ta' regoli ta' rappreżentazzjoni, li jkunu ta' natura tali li jagħmlu eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-imsemmija Direttiva.

52 Waqt is-seduta, l-Irlanda osservat li l-ġurisdizzjoni rrikonoxxuta lir-Rights Commissioners u lill-Labour Court mil-liġi ta' l-2003 hija volontarja u, għaldaqstant, ma

tipprekludix lill-individwi milli jressqu l-istess u l-uniku rikors quddiem qorti ordinarja, ibbażat parzjalment fuq il-liġi nazzjonali u parzjalment fuq il-liġi Komunitarja.

53 Għalkemm din l-affermazzjoni hija eżatta, xorta jibqa' l-fatt li, fil-każ li individwi jkollhom, bħar-rikorrenti, l-intenzjoni li jirrikorru, anki fuq bażi volontarja, għall-ġurisdizzjoni kkonferita mill-leġiżlatur nazzjonali lil dawn il-qrati speċjalizzati waqt it-traspożizzjoni tad-Direttiva 1999/70 sabiex jisimgħu kawżi bbażati fuq il-liġi ta' l-2003, il-prinċipju ta' effettività jeħtieġ li jkunu jistgħu ukoll jinvokaw, quddiem dawn l-istess qrati, il-protezzjoni tad-drittijiet li huma jista' jkollhom direttament abbażi ta' din id-Direttiva stess, jekk mill-verifiki magħmula mil-qorti tar-rinviju jirriżulta li l-obbligu li r-rikors tagħhom jinqasam f'żewġ talbiet separati u li dik ibbażata direttament fuq id-Direttiva msemmija titressaq quddiem qorti ordinarja jwassal għal komplikazzjonijiet proċedurali ta' natura tali li jagħmlu eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet li s-sistema legali Komunitarja tagħti lill-persuni kkonċernati.

54 Jekk il-qorti tar-rinviju tasal biex tikkonstata tali ksur tal-prinċipju ta' effettività, hija għandha, safejn ikun possibbli, tinterpreta r-regoli nazzjonali dwar il-ġurisdizzjoni b'tali mod li dawn jikkontribwixxu għall-implementazzjoni ta' l-għan li tiġi ggarantita protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li l-individwi jista' jkollhom abbażi tal-liġi Komunitarja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Unibet, iċċitata iktar 'il fuq, punt 44).

55 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-liġi Komunitarja, b'mod partikolari l-prinċipju ta' effettività, teżiġi li qorti speċjalizzata, inkarigata, fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni li ġiet ikkonferita lilha, anki b'mod volontarju, mil-leġiżlazzjoni li tassigura t-traspożizzjoni tad-Direttiva 1999/70, biex tisma talba bbażata fuq ksur ta' din il-leġiżlazzjoni, tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni biex tisma' wkoll pretensjonijiet tar-rikorrent ibbażati direttament fuq din id-Direttiva stess għall-perijodu inkluż bejn id-data ta' meta skada

t-terminu għat-traspożizzjoni tagħha u d-data tad-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni msemmija, jekk jirriżulta li l-obbligu li dan ir-rikorrent għandu li jressaq, b'mod parallel, quddiem qorti ordinarja, talba separata direttament ibbażata fuq l-imsemmija Direttiva kellu jwassal għal inkonvenjenti proċedurali ta' natura tali li jagħmlu eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet li huma għandhom abbażi tas-sistema legali Komunitarja. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tagħmel il-verifiki neċessarji f'dan ir-rigward.

*Fuq it-tieni domanda*

56 Fil-każ fejn, fid-dawl ta' l-elementi tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tkun marbuta li tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni biex tisma' il-pretensjonijiet tar-rikorrenti li huma direttament ibbażati fuq id-Direttiva 1999/70, għandha tingħata risposta għat-tieni domanda tagħha, permezz ta' liema hija tistaqsi, essenzjalment, jekk il-klawżoli 4(1) u 5(1) tal-ftehim qafas jistgħux jiġu invokati minn individwi quddiem qorti nazzjonali.

57 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, fil-każijiet kollha fejn dispożizzjonijiet ta' Direttiva jidhru li jkunu, mil-lat tal-kontenut tagħhom, mingħajr kundizzjoni u preċiżi biżżejjed, l-individwi jkollhom bażi sabiex jinvokawhom kontra l-Istat, b'mod partikolari fil-kwalità tiegħu bħala persuna li tħaddem (ara, b'mod partikolari, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 1986, Marshall, 152/84, Ġabra p. 723, punti 47 u 49, kif ukoll ta' l-20 ta' Marzu 2003, Kutz-Bauer, C-187/00, Ġabra p. I-2741, punti 69 u 71).

58 Hekk kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 87 tal-konklużjonijiet tagħha, din il-ġurisprudenza tista' tiġi trasposta għall-ftehim li, bħall-ftehim qafas, ġew milħuqa permezz ta' djalogu li sar, abbażi ta' l-Artikolu 139(1) KE, bejn imsieħba soċjali fuq livell Komunitarju u li ġew implementati, b'mod konformi mal-paragrafu (2) ta' dan l-istess Artikolu, minn Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, li jiffurmaw parti sħiħa minnha.

Fuq il-klawżola 4(1) tal-ftehim qafas

59 Il-klawżola 4(1) tal-ftehim qafas tistabbilixxi projbizzjoni milli, f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg, il-ħaddiema għal żmien fiss jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli mill-ħaddiema għal żmien indefinit paragunabbli għall-unika raġuni li dawn jaħdmu għal żmien fiss, sakemm trattament differenti mhuwiex iġġustifikat minn raġunijiet oġġettivi.

60 Din id-dispożizzjoni tipprojbixxi, b'mod ġenerali u f'termini ċari, kull differenza fit-trattament li ma tkunx oġġettivament iġġustifikata fir-rigward tal-ħaddiema għal żmien fiss f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg. Hekk kif sostniet Impact, il-kontenut tagħha jidher preċiż biżżejjed sabiex din tkun tista' tiġi invokata minn individwu u applikata mill-qorti (ara, b'analoġija, is-sentenza Marshall, iċċitataa iktar 'il fuq, punt 52).

61 Bil-kontra ta' dak li tosserva l-Irlanda, in-nuqqas ta' definizzjoni, fid-dispożizzjoni kkonċernata, tal-kunċett ta' kundizzjonijiet ta' l-impjieg ma jrendix l-imsemmija dispożizzjoni inadatta sabiex tiġi applikata minn qorti għall-informazzjoni tal-kawża li hija għanda tiddeċiedi u, konsegwentement, mhuwiex ta' natura tali li jxejjen il-karattru suffiċjentement preċiż tal-kontenut ta' din id-dispożizzjoni. Għalhekk, dispożizzjonijiet ta' direttiva diġà ġew meqjusa bħala li kienu preċiżi biżżejjed minkejja n-nuqqas ta' definizzjoni Komunitarja tal-kunċetti ta' dritt soċjali li jinvolvu dawn id-dispożizzjonijiet (ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et*, C-6/90 u C-9/90, Ġabra p. I-5357, punti 13 u 14).

62 Barra minn hekk, il-projbizzjoni preċiża stabbilita mill-klawżola 4(1) tal-ftehim qafas ma teħtieġ l-intervenzjoni ta' l-ebda att min-naħa ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji (ara, b'analoġija, is-sentenza ta' l-4 ta' Diċembru 1974, van Duyn, 41/74, Ġabra p. 1337, punt 6). Barra minn hekk, id-dispożizzjoni in kwistjoni bl-ebda mod ma

tikkonferixxi lill-Istati Membri l-fakultà, matul it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali, li jirrestrinġu jew li jassuġġettaw għal kundizzjonijiet il-portata tal-projbizzjoni li tistabbilixxi fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' l-impjieg (ara, b'analoġija, is-sentenza Marshall, iċċitata iktar 'il fuq, punt 55).

63 Għalkemm huwa minnu li, hekk kif osservat l-Irlanda, din id-dispożizzjoni tinvolvi, fir-rigward tal-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni li tistabbilixxi, riżerva f'dak li jirrigwarda l-ġustifikkazzjonijiet ibbażati fuq raġunijiet oġġettivi.

64 Madankollu, hekk kif enfasizzat il-qorti tar-rinviju stess, l-applikazzjoni ta' din ir-riżerva hija suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju (ara, għal eżempju ta' tali stħarriġ fir-rigward tal-kunċett ta' raġunijiet oġġettivi fil-kuntest tal-klawżola 5(1) tal-ftehim qafas, is-sentenza ta' l-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et*, C-212/04, Ġabra p. I-6057, punti 58 sa 75), għalkemm il-possibbiltà li tiġi invokata ma tipprekludix li jiġi meqjus li d-dispożizzjoni in kwistjoni tikkonferixxi lill-individwi drittijiet li huma jistgħu jinvokaw quddiem qorti u li l-qrati nazzjonali għandhom jissalvagwardjaw (ara, b'analoġija, is-sentenzi van Duyn, iċċitata iktar 'il fuq, punt 7; ta' l-10 ta' Novembru 1992, Hansa Fleisch Ernst Mundt, C-156/91, Ġabra p. I-5567, punt 15; tad-9 ta' Settembru 1999, Feyrer, C-374/97, Ġabra p. I-5153, punt 24, u kif ukoll tas-17 ta' Diċembru 2002, Baumbast u R, C-413/99, Ġabra p. I-7091, punti 85 u 86).

65 Il-preċiżjoni u l-karattru inkondizzjonat tal-klawżola 4(1) tal-ftehim qafas lanqas mhuma affettwati mill-punt 2 ta' din il-klawżola. Fil-fatt, hekk kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 101 tal-konklużjonijiet tagħha, dan il-punt 2 ma jagħmel xejn ħlief li jenfasizza waħda mill-konsegwenzi li jistgħu jkunu assoċjati, jekk ikun il-każ, taħt l-eventwali stħarriġ tal-qorti, ma' l-applikazzjoni tal-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni favur il-ħaddiema għal żmien fiss, mingħajr bl-ebda mod ma jkun hemm ksur tas-sostanza ta' dan il-prinċipju.

66 Fir-rigward tal-klawżola 4(3) tal-ftehim qafas, li ukoll ġiet invokata mill-Irlanda sabiex tiċħad effett dirett tal-punt 1 tagħha, għandu jiġi osservat li din tħalli f'idejn l-Istati Membri u/jew f'idejn l-imsieħba soċjali l-inkarigu li jiddefinixxu l-metodi intiż sabiex jiffaċilitaw l-"applikazzjoni" tal-prinċipju ta' projbizzjoni ta' diskriminazzjoni stabbilit minn din il-klawżola.

67 Għaldaqstant, tali metodi bl-ebda mod ma jistgħu jirrigwardaw id-definizzjoni tal-kontenut innifsu ta' dan il-prinċipju (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-19 ta' Jannar 1982, Becker, 8/81, Ġabra p. 53, punti 32 u 33). Hekk kif issuġġeriet il-qorti tar-rinviju stess, u kif osservat Impact, dawn ma jistgħux jaffetwaw l-eżistenza jew jillimitaw il-portata ta' dan il-prinċipju (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-21 ta' Ġunju 1974, Reyners, 2/74, Ġabra p. 631, punti 21 u 26, kif ukoll Becker, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39).

68 Minn dan isegwi li l-klawżola 4(1) tal-ftehim qafas tidher li hija, mil-lat tal-kontenut tagħha, mingħajr kundizzjoni u preċiża biżżejjed sabiex tkun tista' tiġi invokata minn individwu quddiem il-qrati nazzjonali.

Fuq il-klawżola 5(1) tal-ftehim qafas

69 Il-klawżola 5(1) tal-ftehim qafas timponi fuq l-Istati Membri, bil-għan li tipprevjeni l-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' impjieg għal żmien fiss suċċessivi, li jadottaw waħda jew iktar mill-miżuri li hija telenka fil-każ li l-liġi nazzjonali tagħhom ma tkunx tinkludi miżuri legali ekwivalenti. Il-miżuri elenkati, li huma tlieta, huma relatati, rispettivament, ma' raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' tali kuntratti jew relazzjonijiet ta' impjieg, mat-tul massimu totali ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet ta' impjieg suċċessivi u man-numru ta' tiġdid ta' tali kuntratti jew relazjonijiet.

70 Meta tippreskrivi l-adozzjoni effettiva u vinkolanti ta' mill-inqas waħda mill-miżuri li hija telenka u li huma intiżi sabiex jipprevjenu l-użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien fiss suċċessivi fil-każ li l-liġi nazzjonali ma tkunx diġà tinkludi miżuri ekwivalenti (ara s-sentenzi Adeneler *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punti 65 u 101; tas-7 ta' Settembru 2006, Marrosu u Sardino, C-53/04, Ġabra p. I-7213, punt 44, u kif ukoll Vassallo, C-180/04, Ġabra p. I-7251, punt 35), il-klawżola 5(1) tal-ftehim qafas tassenja lill-Istati Membri għan ġenerali, li jikkonsisti fil-prevenzjoni ta' tali abbużi, filwaqt li tħallilhom l-għażla tal-metodi intiżi għall-prevenzjoni tagħhom.

71 Bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni, huwa fil-fatt parti mis-setgħa diskrezzjonali ta' l-Istati Membri li għal dan il-għan jirrikorru għal waħda jew iktar mill-miżuri msemmija f'din il-klawżola, jew inkella għal miżuri legali eżistenti ekwivalenti, u dan filwaqt li jittieħdu in kunsiderazzjoni l-bżonnijiet tas-setturi speċifiċi u/jew ta' kategoriji ta' ħaddiema.

72 Għalkemm huwa minnu, hekk kif osservat il-Kummissjoni meta bbażat ruħha fuq is-sentenza Francovich *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 17), il-fakultà li l-Istati Membri għandhom li jagħżlu minn fost numru ta' metodi possibbli bil-għan li jintlaħaq ir-riżultat preskritt minn Direttiva ma teskludix il-possibbiltà, għall individwi, li jinvokaw quddiem il-qrati nazzjonali d-drittijiet li l-kontenut tagħhom jista' jiġi ddeterminat bi preċiżjoni suffiċjenti unikament abbażi tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva (ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Awwissu 1993, Marshall, C-271/91, Ġabra p. I-4367, punt 37, u kif ukoll Pfeiffer *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 105).

73 Madankollu, għandu jiġi osservat li, b'mod differenti mid-dispożizzjonijiet in kwistjoni fil-kawża li tagħat lok għas-sentenza Francovich *et*, iċċitata iktar 'il fuq, il-klawżola 5(1) tal-ftehim qafas ma fiha l-ebda obbligu mingħajr kundizzjoni u preċiż biżżejjed li jista' jiġi invokat, fin-nuqqas ta' miżuri ta' traspożizzjoni meħuda fit-terminu preskritt, minn individwu quddiem qorti nazzjonali.

74 Fis-sentenza Francovich *et*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet, minkejja l-libertà ta' għażla li d-Direttiva kkonċernata tagħti lill-Istati Membri sabiex jilħqu r-riżultat preskritt minn din id-Direttiva, tidentifika f'din id-Direttiva dispożizzjonijiet li jiddefinixxu, b'mod mingħajr kundizzjoni u preċiż biżżejjed, kontenut ta' protezzjoni minima favur l-individwi, f'dak il-każ, garanzija minima li tirrigwarda l-ħlas tal-krediti ta' paga fil-każ ta' insolvenza ta' min iħaddem (ara wkoll, għal każijiet oħra ta' identifikazzjoni ta' tali protezzjoni minima, is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2000, Simap, C-303/98, Ġabra p. I-7963, punti 68 u 69, kif ukoll Pfeiffer *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 105).

75 F'din il-kawża, is-suġġeriment tal-Kummissjoni li jgħid li l-klawżola 5(1) tal-ftehim qafas tiddetermina wkoll tali protezzjoni materjali minima safejn din teżiġi, fin-nuqqas ta' kull miżura oħra intiża sabiex tiġġieled kontra l-abbuż jew, għall-inqas, ta' miżura suffiċjentement effikaċi, oġġettiva u trasparenti għal dan l-iskop, li raġunijiet oġġettivi jiġġustifikaw it-tiġdid ta' kuntratti jew relazzjonijiet ta' impjieg għal żmien fiss suċċessivi, ma jistax jiġi aċċettat.

76 Fil-fatt, minn naħa, għalkemm huwa minnu li, hekk kif enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 67 tas-sentenza Adeneler *et*, iċċitata iktar 'il fuq, skond il-punt 7 tal-kunsiderazzjonijiet ġenerali tal-ftehim qafas, il-partijiet firmatarji tal-ftehim qiesu li "l-użu ta' kuntratti ta' l-impjieg għal terminu fiss ibbażati fuq raġunijiet oġġettivi huwa mod kif jiġi pprevenut l-abbuż", xorta waħda jibqa' l-fatt li l-interpretazzjoni ssuġġerita mill-Kummissjoni twassal sabiex tiġi stabbilita ġerarkija bejn il-miżuri differenti msemmija fil-klawżola 5(1) ta' l-imsemmi ftehim qafas, filwaqt li l-kliem stess ta' din id-dispożizzjoni juri mingħajr dubju li d-diversi miżuri previsti għandhom jiġu kkunsidrati bħala "ekwivalenti".

77 Min-naħa l-oħra, hekk kif osservat ukoll l-Avukat Ġenerali fil-punt 116 tal-konklużjonijiet tagħha, l-interpretazzjoni ssuġġerita mill-Kummissjoni twassal sabiex l-għażla tal-metodi mogħtija mill-klawżola 5(1) tal-ftehim qafas tiġi mċaħħda

minn kull sens, peress li din tippermetti lil individwu li jinvoka n-nuqqas ta' raġunijiet oġġettivi sabiex jikkontesta t-tiġdid tal-kuntratt għal żmien fiss tiegħu, anki meta dan it-tiġdid ma jkunx jikser il-leġiżlazzjoni dwar it-tul massimu totali jew in-numru ta' tiġdid li l-Istat Membru kkonċernat ikun adotta b'mod konformi ma' l-għażliet offruti mill-imsemmija klawżola 5(1)(b) u (ċ).

78 Għaldaqstant, differentement minn dak li ġie deċiż fil-kawżi li waslu għas-sentenzi ċċitati fil-punt 72 ta' din is-sentenza, f'din il-kawża mhuwiex possibbli li tiġi ddeterminata b'mod suffiċjenti l-protezzjoni minima li għandha, f'kull każ, tiġi implementata skond il-klawżola 5(1) tal-ftehim qafas.

79 Minn dan isegwi li din id-dispożizzjoni ma tidhirx li hija, mill-lat tal-kontenut tagħha, mingħajr kundizzjoni u preċiża biżżejjed sabiex tkun tista' tiġi invokata minn individwu quddiem qorti nazzjonali.

80 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-klawżola 4(1) tal-ftehim qafas hija mingħajr kundizzjoni u preċiża biżżejjed sabiex tkun tista' tiġi invokata minn individwu quddiem qorti nazzjonali, u li min-naħa l-oħra, dan mhuwiex il-każ fil-konfront tal-klawżola 5(1) ta' l-imsemmi ftehim qafas.

*Fuq it-tielet domanda*

81 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi, fid-dawl tar-risposti mogħtija għall-ewwel kif ukoll għat-tieni domanda safejn din kienet tirrigwarda l-klawżola 5(1) tal-ftehim qafas, jekk din id-dispożizzjoni tal-ftehim qafas

tipprekludix lil Stat Membru, bħala persuna li tħaddem, milli jġedded kuntratt ta' impjieg għal żmien fiss għal perijodu li jwassal sa tmien snin matul il-perijodu inkluż bejn id-data ta' l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 1999/70 u dik tad-dħul fis-seħħ tal-liġi ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva.

82 Fil-kuntest ta' din it-tielet domanda, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li, qabel, il-kuntratt ikkonċernat dejjem kien ġie mġedded għal perijodi iqsar, li l-persuna li tħaddem għandha bżonn is-servizzi tal-persuna interessata għal perijodu li jeċċedi t-tul normali tat-tiġdid, li t-tiġdid ta' dan il-kuntratt għal perijodu itwal għandu l-effett li jċaħħad lill-ħaddiem mill-applikazzjoni tal-klawżola 5 tal-ftehim qafas ladarba din tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali u li ma jeżistu l-ebda raġunijiet oġġettivi, li ma japplikawx għall-istat tal-ħaddiem għal żmien fiss tal-persuna interessata, ta' natura tali li tiġġustifika tali tiġdid.

83 Fil-każ fejn, fid-dawl ta' l-elementi ta' risposta mogħtija għall-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tkun obbligata li tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni sabiex tisma' l-pretensjonijiet tar-rikorrenti li huma direttament ibbażati fuq id-Direttiva 1999/70, għandu jiġi enfasizzat li, għalkemm huwa minnu, hekk kif ġie mwieġeb għat-tieni domanda, il-kontenut tal-klawżola 5(1) tal-ftehim qafas mhuwiex mingħajr kundizzjoni u preċiż biżżejjed sabiex ikun jista' jiġi invokat minn individwu quddiem qorti nazzjonali, xorta waħda jibqa' l-fatt li, skond it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 249 KE, id-Direttiva, filwaqt li tħalli lill-qrati nazzjonali l-kompetenza fir-rigward tal-forma u tal-metodi, torbot lil kull Stat Membru destinatarju fir-rigward tar-riżultat li għandu jintlaħaq (ara s-sentenza von Colson u Kamann, iċċitata iktar 'il fuq, punt 15).

84 Għalhekk, fl-Artikolu 2(1) tagħha, id-Direttiva 1999/70 tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jadottaw kull dispożizzjoni neċessarja li tippermettilhom li jkunu f'kull mument f'pożizzjoni li jiggarantixxu r-riżultati imposti minnha.

85 Hekk kif diġà ġie mfakkar fil-punt 41 ta' din is-sentenza, l-obbligu li l-Istati Membri għandhom li jilħqu r-riżultat previst minn Direttiva u dak, bis-saħħa ta' l-Artikolu 10 KE, li jieħdu l-miżuri xierqa ġenerali jew speċjali kollha sabiex jassiguraw it-twettiq ta' dan l-obbligu huma imposti fuq l-awtoritajiet kollha ta' l-Istati Membri (ara s-sentenza von Colson u Kamann, iċċitata iktar 'il fuq, punt 26). Tali obbligi huma responsabbiltà ta' dawn l-awtoritajiet, inklużi, jekk ikun il-każ, fil-kwalità tagħhom bħala persuna pubblika li tħaddem.

86 F'dak li jirrigwarda l-għan preskritt mid-Direttiva 1999/70 u mill-ftehim qafas, dan jitlaq mill-premessa, hekk kif jirriżulta mil-punti 6 u 8 tal-kunsiderazzjonijiet ġenerali tiegħu, li tgħid li l-kuntratti ta' impjieg għal żmien indefinit jikkostitwixxu l-forma ġenerali tar-relazzjonijiet ta' impjieg, filwaqt li tirrikonoxxi li l-kuntratti ta' impjieg għal żmien fiss huma karatteristika ta' l-impjieg f'ċerti setturi jew għal ċerti okkupazzjonijiet u attivitajiet (ara s-sentenza Adeneler *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 61).

87 Konsegwentement, il-benefiċċju ta' l-istabbiltà ta' l-impjieg huwa kkunsidrat bħala element importanti fil-protezzjoni tal-ħaddiema (ara s-sentenza tat-22 ta' Novembru 2005, Mangold, C-144/04, Ġabra p. I-9981, punt 64) filwaqt li, hekk kif jirriżulta mit-tieni paragrafu tal-preambolu tal-ftehim qafas u mill-punt 8 tal-kunsiderazzjonijiet ġenerali tiegħu, huwa biss f'ċerti ċirkustanzi li kuntratti ta' xogħol għal terminu fiss jistgħu jissodisfaw il-bżonnijiet kemm tal-persuni li jimpjegaw kif ukoll tal-ħaddiema (ara s-sentenza Adeneler *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 62).

88 Minn dan il-lat, il-ftehim qafas huwa intiż sabiex ikopri l-użu suċċessiv ta' din l-aħħar kategorija ta' relazzjonijiet ta' impjieg, ikkunsidrata bħala sors potenzjali ta' abbuż għad-dannu tal-ħaddiema, billi jipprovdi ċertu numru ta' dispożizzjonijiet protettivi minimi intiżi sabiex jevitaw il-prekarjetà tas-sitwazzjoni tal-persuni impjegati (ara s-sentenza Adeneler *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 63).

89 Hekk kif jirriżulta mill-klawżola 1(b) ta' dan il-ftehim qafas, l-għan tiegħu huwa li jiġi stabbilit qafas sabiex ikun hemm prevenzjoni ta' l-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' impjieg għal żmien fiss suċċessivi. Skond l-istess kliem tagħha, huwa speċifikament l-għan ta' prevenzjoni li l-klawżola 5(1) ta' l-imsemmi ftehim qafas tippersegwi.

90 Minn dan isegwi li l-Istati Membri għandhom, kemm skond l-Artikoli 10 KE u t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 249 KE kif ukoll skond id-Direttiva 1999/70 stess, li jieħdu l-miżuri kollha, ġenerali jew speċjali, xierqa sabiex jilħqu l-għan previst mill-imsemmija Direttiva u mill-ftehim qafas li jikkonsisti fil-prevenzjoni ta' l-użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien fiss.

91 Dan l-obbligu jkun imċaħħad minn kull effett utli jekk awtorità ta' Stat Membru, li taġixxi fil-kwalità ta' persuna pubblika li tħaddem, tkun awtorizzata li ġġedded kuntratti għal terminu insolitament twil matul il-perijodu ta' bejn id-data ta' l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 1999/70 u dik tad-dħul fis-seħħ tal-liġi ta' traspożizzjoni tagħha, bir-riżultat li ċċaħħad, għal tul ta' żmien mhux raġjonevoli, lill-persuni interessati milli jibbenefikaw mill-miżuri adottati mil-leġiżlatur nazzjonali sabiex jittrasponi l-klawżola 5 tal-ftehim qafas.

92 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikoli 10 KE u t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 249 KE, kif ukoll id-Direttiva 1999/70, għandhom jiġu interpretati fis-sens li awtorità ta' Stat Membru li taġixxi fil-kwalità ta' persuna pubblika li tħaddem mhijiex awtorizzata li tadotta miżuri, li jmorru kontra l-għan persegwit mid-Direttiva msemmija u mill-ftehim qafas f'dak li jirrigwarda l-prevenzjoni ta' l-użu abbużiv tal-kuntratti għal żmien fiss, li jikkonsistu fit-tiġdid ta' tali kuntratti għal terminu insolitament twil matul il-perijodu ta' bejn id-data ta' l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva u dik tad-dħul fis-seħħ tal-liġi li tassigura din it-traspożizzjoni.

*Fuq ir-raba' domanda*

93 Fil-każ fejn, fid-dawl ta' l-elementi tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju ma tkunx obbligata li tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni sabiex tikkunsidra l-pretensjonijiet tar-rikorrenti li huma direttament ibbażati fuq id-Direttiva 1999/70, għandha tingħata risposta għar-raba' domanda tagħha, permezz ta' liema hija tistaqsi, essenzjalment, jekk hija hijiex suġġetta għall-obbligu, abbażi ta' l-obbligu tagħha li tinterpreta l-liġi nazzjonali b'mod konformi mal-liġi Komunitarja, li tagħti effett retroattiv lil-liġi ta' l-2003 b'effett mid-data ta' l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva.

94 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li din ir-raba' domanda tirrigwarda biss l-Artikolu 6 tal-liġi ta' l-2003, li jikkostitwixxi l-miżura ta' traspożizzjoni tal-klawżola 4 tal-ftehim qafas.

95 Fil-fatt, min-naħa l-oħra, fid-deċiżjoni tar-rinviju hemm indikat li r-rikorrenti kkonċedew li t-termini użati fl-Artikolu 9 tal-liġi ta' l-2003 minnhom infishom jeskludu li jingħata effett retroattiv lil dan l-Artikolu, li jikkorrispondi għat-traspożizzjoni tal-klawżola 5 tal-ftehim qafas, bil-konsegwenza li interpretazzjoni mod ieħor tkun *contra legem*.

96 Konsegwentement, għandu jiġi evalwat jekk il-qorti tar-rinviju, fil-każ imsemmi fil-punt 93 ta' din is-sentenza, fejn hija jkollha unikament il-ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq it-talbiet fil-kawża prinċipali safejn dawn ikunu bbażati fuq ksur tal-liġi ta' l-2003, hijiex marbuta, abbażi tal-ħtieġa ta' interpretazzjoni konformi, li tikkonferixxi effett retroattiv lill-Artikolu 6 tal-liġi msemmija b'effett mid-data ta' l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 1999/70.

97 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li għalkemm huwa minnu li l-kliem ta' dan l-Artikolu tal-liġi ta' l-2003 ma jeskludix espressament li tali effett retroattiv jiġi rrikonoxxut lil din id-dispożizzjoni, min-naħa tagħha, regola tal-liġi nazzjonali dwar l-interpretazzjoni tal-liġijiet tipprekludi li liġi tkun applikata b'mod retroattiv, ħlief jekk ikun hemm indikazzjoni ċara u mhux ekwivoka li tgħid mod ieħor.

98 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, meta japplikaw il-liġi interna u, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet ta' leġiżlazzjoni adottata speċifikament sabiex timplementa r-rekwiżiti ta' Direttiva, il-qrati nazzjonali huma obbligati li jinterpretaw il-liġi nazzjonali, safejn dan ikun possibbli, fid-dawl tat-test u ta' l-għan tad-Direttiva in kwistjoni sabiex jintlaħaq ir-riżultat intiż mid-Direttiva u b'dan il-mod jikkonformaw ruħhom mat-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 249 KE (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Pfeiffer *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 113 u l-ġurisprudenza ċċitata).

99 L-eżiġenza ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali hija fil-fatt inerenti għas-sistema tat-Trattat KE minħabba li hija tippermetti lill-qrati nazzjonali li jassiguraw, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, l-effettività sħiħa tal-liġi Komunitarja meta huma jiddeċiedu l-kawżi li jitressqu quddiemhom (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi iċċitati iktar 'il fuq Pfeiffer *et*, punt 114, u Adeneler *et*, punt 109).

100 Madankollu, l-obbligu li l-qorti nazzjonali għandha li tirreferi għall-kontenut ta' Direttiva meta tinterpreta u tapplika r-regoli rilevanti tal-liġi interna hija limitata mill-prinċipji ġenerali tad-dritt, b'mod partikolari mill-prinċipji ta' ċertezza legali kif ukoll ta' non-retroattività, u hija ma tistax isservi ta' bażi għal interpretazzjoni *contra legem* tal-liġi nazzjonali (ara s-sentenzi tat-8 ta' Ottubru 1987, Kolpinghuis Nijmegen, 80/86, Ġabra p. 3969, punt 13, u kif ukoll Adeneler *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 110; ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2005, Pupino, C-105/03, Ġabra p. I-5285, punti 44 u 47).

101 Il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi madankollu jirrikjedi li l-qrati nazzjonali jagħmlu dak kollu li huwa fil-ġurisdizzjoni tagħhom, billi jieħdu in kunsiderazzjoni l-liġi interna kollha u billi japplikaw metodi ta' interpretazzjoni rikonoxxuti minnha, sabiex jiggarantixxu l-effettività sħiħa tad-Direttiva in kwistjoni u sabiex jaslu għal soluzzjoni konformi ma' l-għan imfittex minnha (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Pfeiffer *et*, punti 115, 116, 118 u 119, kif ukoll Adeneler *et*, punt 111).

102 F'dan il-każ, peress li, skond l-indikazzjonijiet li jinsabu fid-deċiżjoni tar-rinviju, jidher li fil-liġi nazzjonali hemm regola li teskludi l-applikazzjoni retroattiva ta' liġi fin-nuqqas ta' indikazzjoni ċara u mhux ambigwa li tgħid mod ieħor, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk f'din is-sistema legali teżistix, b'mod partikolari fil-liġi ta' l-2003, dispożizzjoni li għandha indikazzjoni ta' dan it-tip, li hija ta' natura tali li tikkonferixxi tali effett retroattiv lill-Artikolu 6 tal-liġi msemmija.

103 Fin-nuqqas ta' tali dispożizzjoni, il-liġi Komunitarja, b'mod partikolari l-ħtieġa ta' interpretazzjoni konformi, ma tistax, mingħajr ma ġġiegħel lill-qorti tar-rinviju tinterpreta l-liġi nazzjonali tagħha *contra legem*, tiġi interpretata bħala li timponilha li tikkonferixxi lill-Artikolu 6 tal-liġi ta' l-2003 portata retroattiva b'effett mid-data ta' l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 1999/70.

104 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għar-raba' domanda għandha tkun li, safejn il-liġi nazzjonali applikabbli tinkludi fiha regola li teskludi l-applikazzjoni retroattiva ta' liġi fin-nuqqas ta' indikazzjoni ċara u mhux ambigwa li tgħid mod ieħor, qorti nazzjonali, li jkollha quddiema talba bbażata fuq ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 1999/70, mhijiex marbuta, skond il-liġi Komunitarja, li tikkonferixxi effett retroattiv lid-dispożizzjoni msemmija b'effett mid-data ta' l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva ħlief jekk teżisti, f'din il-liġi nazzjonali, indikazzjoni ta' din in-natura, li tkun ta' natura tali li tikkonferixxi tali effett retroattiv lil din id-dispożizzjoni.

*Fuq il-ħames domanda*

105 Fil-każ fejn il-qorti tar-rinviju jkollha, fid-dawl ta' l-elementi tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda tagħha, tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni biex tisma' talba direttament ibbażata fuq id-Direttiva 1999/70, għandha tingħata risposta għall-ħames domanda tagħha, permezz ta' liema hija tistaqsi jekk il-kundizzjonijiet ta' l-impjieg skond il-klawżola 4 tal-ftehim qafas jinkludux il-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-pagi u l-pensjonijiet, stabbiliti f'kuntratt ta' impjieg.

106 F'dan ir-rigward, kif diġà osservat il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kunsill, meta adotta d-Direttiva 1999/70 bl-intenzjoni li jimplementa l-ftehim qafas, ibbaża ruħu fuq l-Artikolu 139(2) KE, li jipprovdi li l-implementazzjoni tal-ftehim konklużi fil-livell Komunitarju għandha ssir fil-materji koperti mill-Artikolu 137 KE (sentenza tat-13 ta' Settembru 2007, Del Cerro Alonso, C-307/05, Ġabra p. I-7109, punt 33).

107 Fost dawn il-materji hemm, fl-Artikolu 137(1)(b) KE, il-"kundizzjonijiet tax-xogħol".

108 Għandu jiġi osservat li t-termini ta' l-Artikolu 137(1)(b) KE, l-istess bħall-klawżola 4 tal-ftehim qafas, ma jippermettux, minnhom infushom, li jiġi deċiż jekk il-kundizzjonijiet tax-xogħol jew il-kundizzjonijiet ta' l-impjieg, rispettivament imsemmija f'dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, jinkludux jew le l-kundizzjonijiet relatati ma' elementi bħall-pagi u l-pensjonijiet in kwistjoni fil-kawża prinċipali.

109 F'dan ir-rigward, il-fatt, enfasizzat mill-Gvern tar-Renju Unit, li ċertu numru ta' dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja, bħall-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE, tad-9 ta' Frar 1976, dwar l-implementazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-aċċess għall-impjiegi,

taħriġ professjonali, promozzjoni, u kundizzjonijiet tax-xogħol (ĠU L 39, p. 40), fil-verżjoni tagħha kif emendata mid-Direttiva 2002/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Settembru 2002 (ĠU L 269, p. 15), l-Artikolu 3(1)(ċ), tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE, tad-29 ta' Ġunju 2000, li timplementa l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità (ĠU L 180, p. 22), jew inkella l-Artikolu 3(1)(ċ), tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, p. 16), isemmu espressament li l-kunċett ta' kundizzjonijiet ta' l-impjieg u ta' xogħol, li jirreferu għalihom dawn id-dispożizzjonijiet u li jinkludi fih il-pagi, ma jawtorizzawx li minħabba li ma jissemma' xejn f'dan is-sens fil-klawżola 4 tal-ftehim qafas, il-kunċett ta' kundizzjonijiet ta' l-impjieg għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' din il-klawżola jiġi kkunsidrat bħala li ma jirrigwardax aspetti finanzjarji bħal dawk in kwistjoni fil-kawża prinċipali.

110 Peress li l-kliem użat fil-klawżola 4 tal-ftehim qafas ma jippermettux li tingħata risposta għall-kwistjoni ta' interpretazzjoni li saret, għandu, b'mod konformi ma ġurisprudenza stabbilita, jittieħed in kunsiderazzjoni l-kuntest u l-għanijiet persegwiti mil-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha din il-klawżola (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Novembru 1983, Merck, 292/82, Ġabra p. 3781, punt 12; tal-21 ta' Frar 1984, St. Nikolaus Brennerei und Likörfabrik, 337/82, Ġabra p. 1051, punt 10; ta' l-14 ta' Ottubru 1999, Adidas, C-223/98, Ġabra p. I-7081, punt 23, u tas-7 ta' Ġunju 2007, Britannia Alloys & Chemicals vs Il-Kummissjoni, C-76/06 P, Ġabra p. I-4405, punt 21).

111 F'dan ir-rigward, hekk kif diġà osservat il-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza Del Cerro Alonso, iċċitata iktar 'il fuq, punt 36) mill-kliem użat fil-klawżola 1(a) tal-ftehim qafas jirriżulta li wieħed mil-għanijiet tiegħu huwa dak "li titjieb il-kwalità ta' xogħol għal terminu fiss billi tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni". Bl-istess mod, il-preambolu tal-ftehim qafas jenfasizza, fit-tielet paragrafu tiegħu, li dan il-ftehim qafas "juri d-dispożizzjoni ta' l-Imsieħba Soċjali li jistabbilixxu qafas ġenerali biex jiżguraw trattament ugwali għal ħaddiema għal terminu fiss billi jipproteġuhom kontra d-diskriminazzjoni". L-erbatax-il premessa tad-Direttiva 1999/70 tenfasizza f'dan ir-rigward li l-għan tal-ftehim qafas huwa, b'mod partikolari, dak li titjieb il-kwalità tax-xogħol għal żmien fiss billi jiġu ffissati preskrizzjonijiet minimi li jiggarantixxu l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni.

112 Għalhekk, il-ftehim qafas, b'mod partikolari l-klawżola 4 tiegħu, jippersegwi għan li jifforma parti mill-għanijiet fundamentali stabbiliti fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 136 KE kif ukoll fit-tielet paragrafu tal-preambolu tat-Trattat KE u fil-punt 7 u fl-ewwel paragrafu tal-punt 10 tal-Karta tal-Komunità dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema li tirreferi għaliha d-dispożizzjoni tat-Trattat imsemmija iktar 'il fuq u li huma marbuta mat-titjib fil-kundizzjonijiet ta' ħajja u ta' xogħol kif ukoll ma' l-eżistenza ta' protezzjoni soċjali xierqa tal-ħaddiema, f'dan il-każ tal-ħaddiema għal żmien fiss.

113 Barra minn dan, l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 136 KE, li jiddefinixxi l-għanijiet fid-dawl ta' liema l-Kunsill jista', fil-materji msemmija fl-Artikolu 137 KE, jimplementa, b'mod konformi ma' l-Artikolu 139(2) KE, ftehim konklużi bejn imsieħba soċjali fuq livell Komunitarju, jirreferi għall-Karta Soċjali Ewropea ffirmata f'Turin fit-18 ta' Ottubru 1961, li fil-parti I tal-punt 4 tagħha ssemmi d-dritt tal-ħaddiema kollha għal "paga xierqa li tassigura lihom, kif ukoll lill-familji tagħhom, livell ta' ħajja sodisfaċjenti" [traduzzjoni mhux uffiċjali] fost l-għanijiet li l-partijiet kontraenti mpenjaw ruħhom li jilħqu, skond l-Artikolu 20 li jinsab fil-Parti III ta' din il-Karta.

114 Fid-dawl ta' dawn l-għanijiet, il-klawżola 4 tal-ftehim qafas għandha tinftiehem bħala li tesprimi prinċipju tal-liġi soċjali Komunitarja li ma jistax jiġi interpretat b'mod ristrettiv (ara s-sentenza Del Cerro Alonso, iċċitata iktar 'il fuq, punt 38).

115 Hekk kif osservaw kemm Impact kif ukoll il-Kummissjoni, interpretazzjoni tal-klawżola 4 tal-ftehim qafas li teskludi b'mod kategoriku mill-kunċett ta' "kundizzjonijiet ta' l-impjieg", skond dan il-ftehim, il-kundizzjonijiet finanzjarji bħal dawk li jirrigwardaw il-pagi u l-pensjonijiet, ikollha l-effett li tnaqqas, b'kuntrast ma' l-għan mogħti lill-klawżola msemmija, il-kamp tal-protezzjoni kontra d-diskriminazzjonijiet mogħtija lill-ħaddiema kkonċernati, billi tintroduċi distinzjoni, ibbażata fuq in-natura tal-kundizzjonijiet ta' l-impjieg, li t-termini ta' din il-klawżola ma jissuġġerixxu bl-ebda mod.

116 Barra minn dan, hekk kif tosserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 161 tal-konklużjonijiet tagħha, tali interpretazzjoni twassal sabiex iċċaħħad minn kull sens ir-riferenza, li hemm fil-klawżola 4(2) tal-ftehim qafas, għall prinċipju ta' *pro rata temporis*, prinċipju li skond id-definizzjoni tiegħu stess japplika biss fil-preżenza ta' benefiċċji diviżibbli, bħal dawk li jirriżultaw mill-kundizzjonijiet finanzjarji ta' l-impjieg marbuta, per eżempju, mal-pagi u mal-pensjonijiet.

117 Bil-kontra ta' dak li josservaw l-Irlanda u l-Gvern tar-Renju Unit, l-evalwazzjoni msemmija iktar 'il fuq mhijiex ikkonfutata mill-ġurisprudenza sviluppata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tat-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel, li tgħid li l-kundizzjonijiet tax-xogħol skond id-Direttiva 76/207, fil-verżjoni tagħha preċedenti għal dik li tirriżulta mid-Direttiva 2002/73, ma jinkludux il-pagi (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Frar 1996, Gillespie *et*, C-342/93, Ġabra p. I-475, punt 24; tat-12 ta' Ottubru 2004, Wippel, C-313/02, Ġabra p. I-9483, punti 29 sa 33, u tat-8 ta' Settembru 2005, McKenna, C-191/03, Ġabra p. I-7631, punt 30).

118 Fil-fatt, il-ġurisprudenza msemmija hija mfissra mill-eżistenza parallela ta' l-Artikolu 119 tat-Trattat KE (l-Artikoli 117 sa 120 tat-Trattat KE ġew mibdula mill-Artikoli 136 KE sa 143 KE) u ta' direttiva dwar it-trattament ugwali ta' l-irġiel u tan-nisa firrigward tal-pagi, jiġifieri d-Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE, ta' l-10 ta' Frar 1975, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa (ĠU L 45, p. 19).

119 Fid-dawl tan-nuqqas ta' tali dualità leġiżlattiva f'dak li jirrigwarda l-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni tal-ħaddiema għal żmien fiss, l-ebda tagħlima ma tista' tittieħed minn din il-ġurisprudenza għall-finijiet ta' l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kundizzjonijiet ta' l-impjieg" skond il-klawżola 4 tal-ftehim qafas.

120 Fir-rigward ta' l-ilment ta' l-Irlanda u tal-Gvern tar-Renju Unit ibbażat fuq l-Artikolu 137(5) KE, kif interpretat mis-sentenza ta' l-1 ta' Diċembru 2005, Dellas *et* (C-14/04, Ġabra p. I-10253, punti 38 u 39), għandu jiġi mfakkar li d-Direttiva 1999/70 ġiet adottata abbażi ta' l-Artikolu 139(2) KE, li jirreferi għall-Artikolu 137 KE għall-elenkar tal-materji li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kunsill għall-finijiet, b'mod partikolari, ta' l-implementazzjoni ta' ftehim konklużi mill-imsieħba soċjali fuq il-livell Komunitarju.

121 Skond l-Artikolu 137(5) KE, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, "m'għandhomx japplikaw għall-paga, għad-dritt ta' l-assoċjazzjoni, għad-dritt ta' l-istrike jew għad-dritt ta' l-impożizzjoni ta' lock-outs".

122 Kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, ladarba l-Artikolu 137(5) KE jipprovdi dispożizzjoni li tidderoga mill-paragrafi 1 sa 4 ta' l-istess artikolu, il-materji rriżervati mill-imsemmi paragrafu għandhom jiġu suġġetti għal interpretazzjoni stretta b'mod li minn naħa, ma tiġix effetwata indebitament il-portata ta' l-imsemmija paragrafi 1 sa 4 u min-naħa l-oħra ma jiġux ippreġudikati l-għanijiet persegwiti mill-Artikolu 136 KE (is-sentenza Del Cerro Alonso, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39).

123 F'dak li jikkonċerna b'mod iktar partikolari l-eċċezzjoni li tirrigwarda l-"pagi" msemmija fl-Artikolu 137(5) KE, din hija dovuta għall-fatt li l-iffissar tal-livell tal-pagi jaqa' taħt l-awtonomija kuntrattwali ta' l-imsieħba soċjali fuq skala nazzjonali kif ukoll taħt il-kompetenza ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ġie deċiż li huwa approprjat, fl-istat attwali tal-liġi Komunitarja, li tiġi eskluża d-determinazzjoni tal-livell tal-pagi minn armonizzazzjoni abbażi ta' l-Artikoli 136 KE *et seq* (sentenza Del Cerro Alonso, iċċitata iktar 'il fuq, punti 40 u 46).

124 Konsegwentement, hekk kif osservat il-Kummissjoni, l-eċċezzjoni msemmija għandha tinftiehem bħala li tirrigwarda l-miżuri li, bħall-uniformità ta' parti minn, jew ta' l-elementi kollha li jikkostitwixxu l-pagi u/jew tal-livell tagħhom fl-Istati Membri jew inkella l-iffissar ta' salarju Komunitarju minimu, jkunu jinvolvu interferenza diretta mil-liġi Komunitarja fid-determinazzjoni tal-pagi fi ħdan il-Komunità.

125 Madankollu, din ma tistax tiġi estiża għal kull kwistjoni li tippreżenta xi tip ta' rabta mal-paga, inkella wħud mill-oqsma msemmija fl-Artikolu 137(1) KE jiġu mċaħħda minn parti kbira mis-sustanza tagħhom [ara, f'dan is-sens, is-sentenza Del Cerro Alonso, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41; ara wkoll, fl-istess sens, is-sentenza tat-12 ta' Novembru 1996, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill (C-84/94, Ġabra p. I-5755), fuq il-kompetenza tal-Kunsill biex jadotta, abbażi ta' l-Artikolu 118 A tat-Trattat KE (l-Artikoli 117 sa 120 tat-Trattat KE ġew mibdula mill-Artikoli 136 KE sa 143 KE), id-Direttiva 93/104/KE, tat-23 ta' Novembru 1993, dwar xi aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 307, p. 18), b'mod partikolari l-Artikolu 7 ta' din id-Direttiva, relatata ma' l-għoti ta' leave annwali mħallas ta' erbgħa ġimgħat].

126 Minn dan isegwi li r-riżerva msemmija fl-Artikolu 137(5) KE ma tipprekludix li l-klawżola 4 tal-ftehim qafas tinftiehem bħala li timponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jiggarantixxu favur ħaddiema għal żmien fiss l-applikazzjoni tal-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni anki fil-qasam tal-pagi. Konsegwentement, din ir-riżerva ma tistax iċċaħħad lil ħaddiema bħar-rikorrenti milli jikkontestaw, billi jinvokaw l-effett dirett ta' l-imsemmija klawżola 4(1), l-applikazzjoni, fil-qasam tal-pagi, ta' trattament li, mingħajr ebda ġustifikazzjoni oġġettiva, ikun inqas favorevoli minn dak irriżervat f'dan ir-rigward lill-ħaddiema għal żmien indefinit paragunabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Del Cerro Alonso, iċċitata iktar 'il fuq, punti 42 u 47).

127 Għar-raġunijiet esposti fil-punti 43 sa 45 tas-sentenza Del Cerro Alonso, iċċitata iktar 'il fuq, l-interpretazzjoni msemmija iktar 'il fuq bl-ebda mod mhija inkompatibbli ma' l-argumenti esposti fil-punti 38 u 39 tas-sentenza Dellas *et*, iċċitata iktar 'il fuq.

128 Waqt is-seduta, il-Gvern tar-Renju Unit sostna li abbażi tas-sentenza Del Cerro Alonso, iċċitata iktar 'il fuq, jista' jiġi kkunsidrat li l-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni msemmi mill-ftehim qafas jirrigwarda biss l-elementi li jikkostitwixxu l-paga, bl-esklużjoni tal-livell tagħha, li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jibqgħu ħielsa li jistabbilixxu b'mod differenzjat bejn il-ħaddiema għal żmien indefinit u l-ħaddiema għal żmien fiss.

129 Madankollu, għalkemm huwa veru, kif jirriżulta mill-punti 40 u 46 tas-sentenza Del Cerro Alonso, iċċitata iktar 'il fuq, u kif ġie mfakkar fil-punti 123 u 124 ta' din is-sentenza, li d-determinazzjoni tal-livell tad-diversi elementi li jikkostitwixxu l-paga ta' ħaddiem ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-leġiżlatur Komunitarju u jibqgħu mingħajr diskussjoni taħt il-kompetenza ta' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri differenti, xorta waħda jibqa' l-fatt li, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħhom fl-oqsma li ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-Komunità, dawn l-awtoritajiet huma obbligati li jirrispettaw il-liġi Komunitarja (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Diċembru 2007, International Transport Workers' Federation u Finnish Seamen's Union, C-438/05, Ġabra p. I-10779, punt 40, u tat-18 ta' Diċembru 2007, Laval un Partneri, C-341/05, Ġabra p. I-11767, punt 87), b'mod partikolari tal-klawżola 4 tal-ftehim qafas.

130 Minn dan isegwi li, fid-determinazzjoni kemm ta' l-elementi li jikkostitwixxu l-paga kif ukoll tal-livell ta' dawn l-elementi, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom japplikaw lill-ħaddiema għal żmien fiss il-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni hekk kif stabbilit mill-klawżola 4 tal-ftehim qafas.

131 F'dak li jirrigwarda l-pensjonijiet, għandu jiġi enfasizzat li, b'mod konformi ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fil-kuntest ta' l-Artikolu 119 tat-Trattat KE u wara, b'effett mill-1 ta' Mejju 1999, fil-kuntest ta' l-Artikolu 141 KE, li huma l-Artikoli dwar il-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fil-qasam tal-pagi, jiffurmaw parti mill-kunċett ta' "paga", skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 141(2) KE, il-pensjonijiet li jiffurmaw parti mir-relazzjoni ta' impjieg bejn il-ħaddiem u l-persuna li timpjegah, bl-esklużjoni ta' dawk li jirriżultaw minn

sistema legali li hija ffinanzjata minn kontribuzzjonijiet min-naħa tal-ħaddiema, ta' min iħaddem u, eventwalment, ta' l-awtoritajiet pubbliċi b'tali mod li jkun iktar ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet ta' politika soċjali milli fuq tali relazzjoni ta' impjeg (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-25 ta' Mejju 1971, Defrenne, 80/70, Ġabra p. 445, punti 7 u 8; tat-13 ta' Mejju 1986, Bilka-Kaufhaus, 170/84, Ġabra p. 1607, punti 16 sa 22; tas-17 ta' Mejju 1990, Barber, C-262/88, Ġabra p. I-1889, punti 22 sa 28, u kif ukoll tat-23 ta' Ottubru 2003, Schönheit u Becker, C-4/02 u C-5/02, Ġabra p. I-12575, punti 56 sa 64).

132 Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, għandu jitqies li jiffurmaw parti mill-kunċett ta' "kundizzjonijiet ta' l-impjieg" skond il-klawżola 4(1) tal-ftehim qafas dawk il-pensjonijiet li jiddependu fuq ir-relazzjoni ta' impjieg bejn il-ħaddiem u l-persuna li timpjegah, bl-esklużjoni tal-pensjonijiet legali ta' sigurtà soċjali, li jkunu iktar jiddependu fuq kunsiderazzjonijiet ta' natura soċjali milli fuq tali relazzjoni ta' impjieg.

133 Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-indikazzjoni msemmija fil-ħames premessa tal-preambolu tal-ftehim qafas, li tgħid li l-partijiet għal dan il-ftehim "jirrikonoxx[u] li kwistjonijiet relatati ma' sigurtà soċjali statutorja huma għal deċiżjoni mill-Istati Membri" u billi ssejaħ lil dawn sabiex jikkonkretizzaw id-dikjarazzjoni tagħhom fuq ix-xogħol tal-Kunsill Ewropew ta' Dublin ta' l-1996, li tenfasizza, b'mod partikolari, il-ħtieġa li s-sistemi ta' sigurtà soċjali jiġu addattati għall-mudelli l-ġodda ta' impjieg sabiex tiġi offruta protezzjoni soċjali xierqa lill-persuni impjegati fil-kuntest ta' tali mudelli.

134 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għall-ħames domanda għandha tkun li l-klawżola 4 tal-ftehim qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg skond din il-klawżola jinkludu l-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-pagi kif ukoll il-pensjonijiet li jiddependu fuq ir-relazzjoni ta' impjieg, bl-esklużjoni tal-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-pensjonijiet li jirriżultaw minn sistema legali ta' sigurtà soċjali.

## Fuq l-ispejjeż

135 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' l-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk ta' l-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**1) Il-liġi Komunitarja, b'mod partikolari l-prinċipju ta' effettività, teżiġi li qorti speċjalizzata, inkarigata, fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni li ġiet ikkonferita lilha, anki b'mod volontarju, mil-leġiżlazzjoni li tassigura t-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, biex tisma talba bbażata fuq ksur ta' din il-leġiżlazzjoni, tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni biex tisma' wkoll pretensjonijiet tar-rikorrent ibbażati direttament fuq din id-Direttiva stess għall-perijodu inkluż bejn id-data ta' meta skada t-terminu għat-traspożizzjoni tagħha u d-data tad-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni msemmija, jekk jirriżulta li l-obbligu li dan ir-rikorrent għandu li jressaq, b'mod parallel, quddiem qorti ordinarja, talba separata direttament ibbażata fuq l-imsemmija Direttiva kellu jwassal għal inkonvenjenti proċedurali ta' natura tali li jagħmlu eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet li huma għandhom abbażi tas-sistema legali Komunitarja. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tagħmel il-verifiki neċessarji f'dan ir-rigward.**

**2) Il-klawżola 4(1) tal-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li huwa anness mad-Direttiva 1999/70, hija mingħajr kundizzjoni u preċiża biżżejjed sabiex tkun tista' tiġi invokata minn individwu quddiem qorti nazzjonali. Min-naħa l-oħra, dan mhuwiex il-każ fil-konfront tal-klawżola 5(1) ta' l-imsemmi ftehim qafas.**

3) **L-Artikoli 10 KE u t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 249 KE, kif ukoll id-Direttiva 1999/70, għandhom jiġu interpretati fis-sens li awtorità ta' Stat Membru li taġixxi fil-kwalità ta' persuna pubblika li tħaddem mhijiex awtorizzata li tadotta miżuri, li jmorru kontra l-għan persegwit mid-Direttiva msemmija u mill-ftehim qafas f'dak li jirrigwarda l-prevenzjoni ta' l-użu abbużiv tal-kuntratti għal żmien fiss, li jikkonsistu fit-tiġdid ta' tali kuntratti għal terminu insolitament twil matul il-perijodu ta' bejn id-data ta' l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva u dik tad-dħul fis-seħħ tal-liġi li tassigura din it-traspożizzjoni.**

4) **Safejn il-liġi nazzjonali applikabbli tinkludi fiha regola li teskludi l-applikazzjoni retroattiva ta' liġi fin-nuqqas ta' indikazzjoni ċara u mhux ambigwa li tgħid mod ieħor, qorti nazzjonali, li jkollha quddiema talba bbażata fuq ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 1999/70, mhijiex marbuta, skond il-liġi Komunitarja, li tikkonferixxi effett retroattiv lid-dispożizzjoni msemmija b'effett mid-data ta' l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva ħlief jekk teżisti, f'din il-liġi nazzjonali, indikazzjoni ta' din in-natura, li tkun ta' natura tali li tikkonferixxi tali effett retroattiv lil din id-dispożizzjoni.**

5) **Il-klawżola 4 tal-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss għandha tiġi interpretata fis-sens li l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg skond din il-klawżola jinkludu l-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-pagi kif ukoll il-pensjonijiet li jiddependu fuq ir-relazzjoni ta' impjieg, bl-esklużjoni tal-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-pensjonijiet li jirriżultaw minn sistema legali ta' sigurtà soċjali.**

Firem